**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (*Hist.*) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Paul Gambina *noe*

*versus*

Joseph Vassallo *et noe*

**Debitu - *Loan - Overdraft Account* - Kreditu Bankarju - Garanzija - Solidarjetà - Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-Bank aġixxa sabiex il-konvenuti debituri prinċipali u l-garanti jiġu kkanonizzati debituri favur tiegħu.*

*Id-debitu prinċipali ġie ammess. Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet parzjalment l-appell tal-garanti fis-sens illi r-responsabbilità tagħhom kienet limitata u fil-korp tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti l-garanti ma nqatgħux mir-responsabbilità sħiħa tad-debitur prinċipali.*

*L-aggravji l-oħra ġew miċħuda. Il-Qorti ma sabitx illi bl-aġir tal-kreditur il-garanti ma setax jiġi ssurrogat fid-drittijiet tal-kreditur. Anqas ma sabet illi kien hemm xi mala fede mill-kreditur. Salv ir-riforma tas-sentenza msemmija, is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti ġiet ikkonfermata.*

Il-Qorti:-

L-attur wara li ppremetta li b'żewġ kuntratti ppubblikati min-Nutar Antoine Agius fil-11 ta' Diċembru, 1991, u fit-3 ta' Lulju, 1992, l-attur *nomine* kkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenut Joseph Vassallo bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija; u wara li ppremetta illi l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut Joseph Vassallo fl-ammont ta' sittax-il elf, sitt mija u disgħin lira Maltija, sittax-il ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm16,690.16,6) kwantu għal tlett elef, disa' mija u erbatax-il elf lira Maltija u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm3,914.77,0) bilanċ għad-debitu f'żewġ *Loan Accounts* li Joseph Vassallo għandu mal-Bank of Valletta Limited u kwantu għal tnax-il elf, seba' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija, disgħa u tletin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm12,775.39,6) bilanċ għad-debitu fl-*Overdraft Account* ta' Joseph Vassallo mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1

ta' April, 1994, sad-data ta' l-effettiv pagament; u wara li *ppremetta illi in forza ta' l-imsemmija kuntratti l-konvenuta* Judith Vassallo bħala amministratriċi tal-beni parafernali tagħha ggarantiet flimkien u *in solidum* ma' żewġha l-konvenut Joseph *Vassallo d-debiti ta' Joseph Vassallo ma' l-attur nomine*; u wara li ppremetta illi b'żewġ skritturi privati ddatati 14 ta' Diċembru, 1990, u 5 ta' Ġunju, 1987, Malcolm Lowell u s-soċjetà kummerċjali Edwards Lowell Company Limited ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali ddatati 23 ta' Awissu, 1994, u l-konvenuti Joseph u Judith Vassallo ġew interpellati b'ittra uffiċjali oħra ddatata 20 ta' Ġunju, 1994, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi iżda dawn baqgħu inadempjenti, talab li: (1) Joseph u Judith Vassallo jiġu ddikjarati li jħallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lill-attur *nomine* s-somma ta' sittax-il elf, sitt mija u disgħin lira Maltija, sittax-il ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm16,690.16,6) kwantu għal tlett elef, disa' mija u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm3,914.77,0) bilanċ għad-debitu f'żewġ *Loan Accounts* li Joseph Vassallo għandu mal-Bank of Valletta Limited, u kwantu għal tnax-il elf, seba' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija, disgħa u tletin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm12,775.39,6) bilanċ għad-debitu fl-*Overdraft Account* ta' Joseph Vassallo mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' l-*imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 1993 sad-data ta' l-effettiv* pagament; u (2) il-konvenuta Judith Vassallo tiġi kkundannata, bħala amministratriċi tal-beni parafernali tagħha flimkien u *in solidum* mal-konvenut Joseph Vassallo tħallas lill-attur *nomine s-somma ta' sittax-il elf, sitt mija u disgħin lira Maltija, sittax-il* ċenteżmu u sitt *milleżmi (Lm16,690.16,6)* kwantu għal *tlett* elef, disa' mija u erbatax-il lira Maltija u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (Lm3,914.77) bilanċ għad-debitu f'żewġ *Loan Accounts* li Joseph Vassallo għandu mal-Bank of Valletta Limited u kwantu għal tnax-il elf, seba' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltija, disgħa u tletin ċenteżmu u sitt milleżmi (Lm12,775.39,6) bilanċ għad-debitu fl-*Overdraft Account* ta'

Joseph Vassallo mal-Bank of Valletta Limited flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 1994, sad-data ta' l-effettiv pagament; u (3) il-konvenuti Malcolm u Elizabeth miżżewġin Lowell *in solidum* mal-konvenut Joseph Vassallo u mas-soċjetà kummerċjali Edwards Lowell Company Limited jiġu kkundannati jħallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680) kull wieħed, salv l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1993, sal-jum tal-pagament effettiv; u (4) il-konvenuta soċjetà kummerċjali Edwards Lowell Company Limited *in solidum* ma' Joseph Vassallo u Malcolm Lowell tiġi kkundannata tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680) kull wieħed, salv l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru, 1993, sal-jum tal-pagament effettiv. Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali ddatata 20 ta' Ġunju, 1993, u 23 ta' Awissu, 1994, u tal-Mandati ta' Impediment ta' Safar u ta' Sekwestru;

Il-konvenuti Malcolm Lowell u martu Elizabeth Lowell eċċepew illi huma ma kinux responsabbli għall-ħlas tas-somma mitluba u dan a tenur kemm ta' l-artikolu 1959 tl-Kap. 16, kif ukoll minħabba illi fi kwalunkwe każ kuntratt għandu jiġi nterpretat u esegwit *in bona fede*, u f'dan il-każ ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet illi l-garanzija tkopri l-kreditu pretiż. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi l-esponenti Malcolm Lowell għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Edwards Lowell Company Limited eċċepixxa illi preliminarjament l-azzjoni naxxenti mill-garanzija ddatata 5 ta' Ġunju, 1987, hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2165 tal-Kap. 16 u illi fi kwalunkwe każ, l-eċċipjenti *nomine* mhux responsabbli għall-ħlas tas-somma mitluba u dan a tenur ta' l-artikolu 1959 tal-Kap. 16, kif ukoll minħabba li fi kwalunkwe każ kuntratt għandu jiġi nterpretat u esegwit *in bona fede* u f'dan il-każ ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet illi l-garanzija tkopri l-kreditu pretiż. Salvi

eċċezzjonijiet ulterjuri;

Illi s-soċjetà kummerċjali Edwards Lowell Company Limited eċċepiet ulterjorment illi l-kreditu garantit bil-garanzija *in kwistjoni huwa mħallas kollu fl-intier tiegħu u dana kif xehdu* x-xhieda prodotti mill-attur *nomine* u għaldaqstant, stante li l-*obbligazzjoni prinċipali li l-garanzija kienet intiża li tikkawtela tħallset, l-obbligazzjoni naxxenti mill-garanzija spiċċat. Salvi* eċċezzjonijiet ulterjuri;

*B'sentenza tal-11 ta' Lulju, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti* Ċivili ddeċidiet billi laqgħet l-ewwel tliet talbiet ta' l-attur *nomine* u ċaħdet *ir-raba' talba tiegħu bl-ispejjeż* tat-tielet talba għall-konvenuti Lowell;

Il-konvenuti qegħdin jappellaw minn dik il-parti tas-sentenza li tolqot lilhom u ċjoè dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti laqgħet it-tielet talba ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż ta' dina t-talba għall-konvenuti Lowell;

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

"Illi kif inhi miktuba t-tielet talba ta' l-attur u allura, la darba l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħetha anke fis-sentenza, l-konvenuti *Lowell* personalment ġew ikkundannati *in solidum* mas-soċjetà Edwards Lowell Company Limited. Dan jagħti x'jifhem u jimplika illi s-soċjetà appellanti għandha xi responsabbilità li tħallas. Illi dan mhux minnu għax kif ġà *ritenut fl-istess sentenza, id-dejn li l-garanzija mogħtija mis-*soċjetà appellanti kienet tiggarantixxi kien tħallas u għalhekk il-garanzija ma kinitx aktar viġenti. Għalhekk ma hemmx kawżali fuq x'hiex is-soċjetà appellanti tista' tinstab b'xi mod responsabbli lejn is-soċjetà attriċi;

Is-soċjetà Edwards Lowell Company Limited ma tistax tinżamm responsabbli prinċipali garantit mill-garanzija ffirmata minnha spiċċat l-obbligazzjoni prinċipali li l-garanzija kienet intiża li tikkawtela tħallset, l-obbligazzjoni naxxenti mill-garanzija spiċċat. *Quod nullum est nullum producit effectum*, u għalhekk peress li l-obbligazzjoni prinċipali saret *nullum*, in kwantu estinta, *isegwi li ma tista' tipproduċi* l-ebda effett;

Illi huwa prinċipju kardinali fid-dritt ċivili illi l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti dejjem *in bona fede*. Da parti tagħha s-soċjetà attriċi wara li ħadet il-garanzija mingħand l-appellanti konjuġi Lowell - garanzija purament gratuwità - żiedet id-debitu tad-debitur prinċipali, li ma tantx kien fi stat finanzjarju tajjeb, mingħajr ma avżat lill-appellanti u wisq anqas kisbet il-kunsens tagħhom;

*Illi wara li s-soċjetà attriċi tat faċilitajiet bankarji ulterjuri* lill-konvenut Vassallo, koperta bil-garanzija da parti ta' l-appellanti konjuġi Lowell, hija reġgħet tat faċilitajiet bankarji sostanzjali oħra lid-debitur prinċipali. Din id-darba dawn il-faċilitajiet ma kinux koperti b'garanzija ta' l-appellanti iżda l-Bank ottjena ipoteki ġenerali u speċjali kif indikati f'dok. A u dok. B. Dan sar meta kien ġà ċar għall-Bank illi Vassallo, id-debitur *prinċipali ma tantx kien fi stat finanzjarju tajjeb. Dan* jidher ċar mill-istess *statements* ippreżentati mill-Bank fl-atti tal-kawża. L-appellanti Lowell ma kinux infurmati minn ħadd dwar dan. Bil-faċilitajiet bankarji ġodda d-dejn preċedenti garantit mill-garanzija ta' l-appellanti konjuġi Lowell ma tħallasx, kif kien ġara fil-każ ta' l-ewwel faċilità. Issa b'dak li effettivament għamel il-Bank l-effett legali, jekk l-appellanti konjuġi Lowell ma jinħelsux mir-responsabbilità taħt l-artikolu 1959 tal-Kap. 16, huwa s-segwenti: Jekk Vassallo ma jħallasx u l-konjuġi Lowell ikollhom iħallsu taħt il-garanzija, huma ma jkunu jistgħu qatt jitħallsu mingħand Vassallo minħabba illi l-istess Bank għandu ipoteki ġenerali u speċjali li jikkonkorru

qabel id-drittijiet li l-appellanti jkunu jistgħu jeżerċitaw. Meta l-Bank ta faċilitajiet bankarji u iskriva l-ipoteki bħala garanzija ta' dawn il-faċilitajiet - *faċilitajiet differenti minn dawk* garantiti bil-garanzija tal-konjuġi Lowell - hu kien qed iġib id-dritt li l-konjuġi Lowell kellhom li jiġu surrogati fid-drittijiet tal-Bank skond il-garanzija fix-xejn, u dan deliberatament;

L-Ewwel Qorti sostniet illi l-Bank kien marbut bil-*Professional Secrecy Act, 1994*, u għalhekk ma setax javża lill-appellanti b'dak li kien qed jiġri. *Fl-ewwel lok huwa ċar illi* dina l-liġi daħlet in vigore snin wara li ngħataw il-faċilitajiet bankarji msemmija f'dok. A u dok. B. Għalhekk ma tantx tista' tkun applikabbli dina l-liġi. Fit-tieni lok la darba l-garanzija hija gratuwità u l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti *in bona fede*, il-Bank ma jistax jistaħba wara l-obbligu tal-kunfidenzjalità. Kull ma kellu jagħmel il-Bank kien illi la darba bil-faċilitajiet bankarji kien sejjer *jippreġudika l-posizzjoni ta'* l-appellanti missu qabel ma daħal għalihom avża lid-debitur prinċipali illi kien ikun meħtieġ il-kunsens ta' l-appellanti qabel ma jagħti dawn il-faċilitajiet ulterjuri. Dan mhux ksur tal-kunfidenzjalità, iżda eżerċizzju tad-diliġenza normali ta' *bonus pater familias*. Jekk il-Bank għażel li ma jinforma lil ħadd qabel ma jagħti l-faċilitajiet bankarji ġodda fil-mod u bil-kawteli li ħa - u ma jitlobx lill-klijent tiegħu li għandu qabel ma jingħataw il-faċilitajiet ġodda jinġieb il-kunsens tal-garanti - peress illi dan kien sejjer jiġi ppreġudikat - issa ma jistax jistaħba wara l-obbligu/dritt tal-kunfidenzjalità. *Qui suo iure utitur, neminem laedet.* Iżda fil-fatt mhux hekk ġara u bħala riżultat tad-defiċjenza min-naħa tal-Bank li jinforma u jottjeni l-kunsens ta' Lowell b'dak li kien qed jiġri minn wara daru, Malcolm Lowell issa għandu d-drittijiet tiegħu ta' rigress kontra Vassallo ppreġudikati għax id-drittijiet li setgħu jiġu ssurrogati nġiebu fix-xejn mill-istess kreditur, u għalhekk japplika d-dispositiv ta' l-artikolu 1959 tal-Kap. 16";

Għaldaqstant il-konvenuti appellanti talbu illi dina l-Qorti *jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq indikata fl-ewwel istanza* tal-11 ta' Lulju, 1996, *billi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellanti* u tiċħad it-tielet talba ta' l-attur *nomine* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur *nomine*;

L-appellat *nomine* wieġeb hekk:

"Illi preliminarjament għandu jingħad illi l-appell magħmul mis-soċjetà Edwards Lowell Company Limited huwa kompletament frivolu u dan peress illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attur appellat bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Illi fir-rigward ta' l-appell magħmul mill-konvenuti Malcolm u Elizabeth, miżżewġin Lowell, l-aggravji huma legalment insostenibbli u dan anke a bażi ta' l-artikolu 1959 tal-Kapitolu 16 *ivvantat mill-istess appellanti. Jirriżulta bl-aktar mod ċar illi fil-materja in kwistjoni kien hemm erba' kontijiet u* ċjoè l-ewwel kont ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) garantit mis-soċjetà Edwards Lowell Company Limited, liema kont ġie saldat, it-tieni kont ta' elf u ħames mitt lira Maltija (Lm1,500), garantit mill-konvenuti appellanti Malcolm u Elizabeth miżżewġin Lowell, u t-tielet u r-raba' kont ta' *Loan* u *Overdraft* illi ngħata sussegwentement u li huwa garantit bl-ipoteki ġenerali u speċjali *li għalihom saret referenza mill-istess* appellanti;

Issa huwa ċar u ovvju *illi meta l-konvenut Vassallo* ngħata t-tielet u r-raba' faċilità u in kawtela ta' l-istess ittieħdu l-ipoteki, dawn l-istess ipoteki ttieħdu biss in kawtela tat-tielet u r-raba' faċilità u mhux ukoll tat-tieni faċilità u għalhekk id-dritt illi l-konvenuti appellanti jissurrogaw rwieħhom fl-istess drittijiet tas-soċjetà appellata, ġaladarba jħallsu l-bilanċ ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680) ċirka dovut skond l-

imsemmija garanzija, jibqa' mingħajr mittiefes nonostante l-ipoteki *illi jgawdi l-Bank fir-rigward tal-faċilitajiet l-oħra illi* għandhom jitqiesu separati mill-faċilità illi għaliha iggarantaw l-appellanti;

Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess, il-Bank ma għamel xejn li bih imminimizza d-dritt illi l-istess appellanti jissurrogaw rwieħhom bid-drittijiet tal-kreditur skond il-liġi";

Għar-raġunijiet suesposti s-soċjetà appellata tissottometti illi l-appell għandu jiġi riġettat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

L-appell intavolat sar kemm mill-konvenuti Malcolm u Elizabeth, konjuġi Lowell, *proprio* kif ukoll - u dan riferibbilment biss għat-tielet talba - f'isem is-soċjetà konvenuta Edwards Lowell Company Limited;

*Illi dwar it-tielet talba attriċi li ġiet milqugħa mill-Ewwel* Qorti bla riserva hemm ukoll kompriż fiha li l-konjuġi Lowell jiġu t-tnejn ikkundannati biex iħallsu l-kreditu ta' l-attur *nomine* "*in solidum* mal-konvenut Joseph Vassallo u mas-soċjetà Edwards Lowell Company Limited". Issa huwa minnu li fil-korp tas-sentenza appellata għandu *jirriżulta biċ-ċar li* s-soċjetà konvenuta surreferita ġiet għal kollox eżonerata u meħlusa milli b'xi mod tagħmel tajjeb għad-dejn dovut minn Joseph Vassallo. Di fatti, ir-raba' talba attriċi, diretta unikament kontra l-imsemmija soċjetà konvenuta ġiet miċħuda;

Madankollu, jibqa' l-fatt li bl-akkoljiment tat-tielet talba attriċi, bla ebda esklużjoni, jkun ifisser li jew is-sentenza kif mogħtija għandha parti minnha kontradittorja jew inkella - kif *evidentement* hu l-każ - li, bi *żvista*, l-*inklużjoni* *tas-soċjetà* konvenuta Edwards Lowell Company Limited baqgħet ma ġietx żganċjata mill-bqija tat-tielet talba u għalhekk donnu deher li hija baqgħet solidalment responsabbli għall-ħlas hi ukoll meta dan ma kienx il-ħsieb u ma jsegwix minn dak li jirriżulta mill-bqija tas-sentenza. Kwindi lanqas ma jista' *jingħad*, *kif* wieġeb l-appellat *nomine*, li dina l-parti ta' l-appell hija frivola u vessatorja. Għalhekk isegwi li din il-parti ta' l-aggravju hija fondata u għandha tintlaqa' billi s-sentenza appellata tiġi riformata konformament;

Il-bqija ta' l-aggravju - dawk ewlieni - huwa magħmul għan-nom tal-konvenuti konjuġi Malcolm u Elizabeth Lowell *proprio* kwantu garanti tal-konvenut Joseph Vassallo li ammetta t-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu;

Mill-provi jirriżulta li l-konvenut Joseph Vassallo ingħata aktar minn faċilità ta' self waħda min-naħa tal-Bank attur u effettivament *jirriżulta* ukoll li l-appellanti konjuġi Lowell *proprio* daħlu personalment garanti kemm fl-ewwel *loan facility* flimkien mas-soċjetà konvenuta għall-ammont ta' Lm680 u mill-ġdid fit-tieni *loan facility* għas-somma ta' Lm1,500. Ġara li bit-tieni kreditu x'aktarx li d-debitur ewlieni qata' l-ewwel dejn tiegħu mal-Bank u b'hekk is-soċjetà konvenuta surreferita ma baqgħetx aktar responsabbli versu l-Bank. Fl-istess waqt però l-konjuġi Lowell baqgħu personalment marbutin versu l-Bank attur bl-obbligi tat-tieni *loan facility*. Issa jirriżulta - u hawn hu l-qofol ta' l-aggravju ta' l-appellanti - li l-Bank appellat għadda biex jagħti faċilitajiet ta' krediti b'self oħrajn u addizzjonali lill-konvenut Joseph Vassallo - din id-darba però billi in garanzija esiġa u ottjena l-iskrizzjoni ta' ipoteki favurih. Ma jirriżultax li l-Bank attur informa b'dan lill-konvenuti Lowell, bħalma lanqas

ma jirriżulta li l-appellanti Lowell għamlu jew talbu xi indaġini fuq *il-posizzjoni finanzjarja* tad-debitur Vassallo. L-appellanti jiċċitaw favur it-teżi tagħhom - dik ċjoè li huma meħlusin minn kwalsiasi obbligu legali - l-artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jistipula kif ġej, u ċjoè li:

"Il-garanti, ukoll jekk obbligat *in solidum*, huwa meħlus jekk is-surroga fil-jeddijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditur ma tkunx tista' ssir favur tiegħu bi ħtija tal-kreditur";

L-appellanti jissottomettu li meta l-Bank attur ikkontratta mill-ġdid mad-debitur konvenut Joseph Vassallo u ottjena ipoteka fuq ħwejjġu, huma ġew ippreġudikati b'daqstant. Din il-Qorti, wara li qieset l-argumenti ta' naħa u ta' oħra u ħasbet dwar l-aspetti ġuridiċi ta' l-istess, ma taqbilx ma' dak li ġie sottomess mill-appellanti. Bil-fatt biss li l-Bank attur daħal fi transazzjonijiet ulterjuri mal-konvenut Vassallo u pprovdilu aktar flus għad-disposizzjoni tiegħu, b'daqshekk ma kienx jammonta għal xi tnaqqis mid-drittijiet ta' surroga li seta' kellu u għad għandu l-garanti favurih. La kien hemm xi obbligu legali fuq in-naħa tal-Bank li jiżvela xi transazzjonijiet ulterjuri għamel mal-klijent tiegħu u lanqas hemm x'tiċċensura fil-fatt li l-Bank *attur ikkawtela l-facilities ulterjuri estiżi lil Vassallo bl-*otteniment ta' ipoteka. Xejn ma kien iżomm lill-garanti konjuġi Lowell milli huma ukoll jitolbu l-istess mingħand Vassallo qabel ma pprovdewlu *garanzija b'ġidhom. Anzi jidher li huma* daħlu garanti għax kienu fiduċjużi ħafna fil-konvenut Vassallo. Di fatti, l-istess konvenut Malcolm Lowell (fol. 79), in kontro-eżami xehed hekk:

"Meta ġejt biex nagħmel it-tieni garanzija jiena ma kontx staqsejt lill-Bank x'kien sar dwar l-ewwel dejn, ħadtha *for granted* li l-ewwel dejn kien tħallas. Jiena lil Vassallo kont

nafdah għalkemm kien jinteressani li nkun naf x'sar fl-ewwel dejn. *Qabel ma l-Bank kien għamel il-call in jiena ma kontx staqsejtu x'kien sar mill-garanzija li kont għamilt jien*";

L-appellanti ma kellhomx u m'għandhomx jippretendu li dak li m'għamlux huma, jagħmlu għalihom ħaddieħor;

Lanqas mhu każ ta' xi *mala fede* min-naħa tal-Bank attur kif donnu qegħdin jippretendu li kien il-każ l-appellanti. Il-Bank, bħala kreditur aġixxa fl-interess tiegħu. Bil-fatt li huwa kkontratta ulterjorment ma' l-istess klijent in konnessjoni ma' faċilità bankarja separata u distinta minn dawk ta' qabilha u bil-fatt li huwa talab u ottjena sigurtà f'forma ta' ipoteka mingħand id-debitur tiegħu huwa bħala kreditur la naqas xejn mid-drittijiet tiegħu u lanqas kwindi ma jista' jingħad li ppreġudika b'xi mod lill-garanti ta' faċilità oħra. Huwa assurd li jingħad li bil-għoti ta' *loan facility* ġdida u separata, debitament ikkawtelata b'ipoteka, allura "id-drittijiet (tal-garanti) li seta' jiġi ssurrogat inġibu fix-xejn mill-istess kreditur". Konsegwentement, l-aggravji ta' l-appellanti kwantu jirreferu għall-appellanti Lowell *proprio* mhumiex fondati;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi fl-ewwel lok tilqa' dik il-parti ta' l-aggravji li tikkonċerna biss lis-soċjetà konvenuta Edwards Lowell Company Limited u dan riferibbilment għat-tielet talba li ġiet milqugħa <u>in toto</u> mill-Ewwel Qorti u tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad l-istess tielet talba in kwantu hija diretta ukoll kontra s-soċjetà konvenuta Edwards Lowell Company Limited u tikkonfermaha fil-bqija. Fit-tieni lok, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata, kif mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet premessi u għalhekk ukoll tiċħad l-appell ta' l-appellanti Malcolm u

Elizabeth konjuġi Lowell;

Il-kap ta' l-ispejjeż kwantu għall-ewwel istanza jibqgħu nvarjati, mentri dawk relattivi għal dan l-appell jiġu ssopportati kwantu għal kwart (1/4) mill-appellat *nomine* u r-rimanenti tliet kwarti (3/4) mill-appellanti konjuġi Malcolm u Elizabeth Lowell.